MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 733/2009

**Dr. Chris Attard bhala mandatarju specjali ta' l-assenti Christian Rogl ta' Unterhaselback 1, 84066, Mallersdorf, Pfaffenberg, Germanja**

**vs**

**Gold Victory Limited (C 40908)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li bih l-attur, wara li qal:

Illi s-socjeta` konvenuta Gold Victory Limited hija debitrici, certa, likwida u dovuta versu l-attur nomine fl-ammont totali u bilancjali ta' hmistax-il elf, seba mija u tlett Ewro (€15,703) rapprezentanti diversi rebhiet tal-attur

f’attivitajiet ta’ “Loghob minn Distanza” offruti mis-socjeta` konvenuta;

Illi s-socjeta` konvenuta, nonostante interpellata diversi drabi, baqghet inadempjenti;

Fil-fehma tal-attur nomine, is-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjoni x’tissoleva kontra t-talbiet tal-istess attur nomine;

L-attur nomine jaf personalment b’dawn il-fatti kollha;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici favur l-attur nomine ghas-somma ta’ hmistax-il elf, seba mija u tlett Ewro (€15,703);

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lir-rikorrent nomine s-somma ta’ hmistax-il elf, seba mija u tlett Ewro (€15,703)

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 166A numru 1876/09 datata 15 ta’ Mejju 2009 u l-mandat ta’ sekwestru numru 810/09 datat 18 ta’ Mejju, 2009, bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa’ ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------